**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 12 ta' April, 2019**

**Rikors Numru : 10/2019 JPG**

**Kawza Numru : 19**

**JJL**

**Vs**

**AL**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' JJL, datat 9 ta' Jannar, 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet izzewgu fit-tletin 30 ta' Jannar ta' tas-sena elf disa' mija tnejn u tmenin (30/1/1982) (Ara Dok 'A' anness) u minn dan iz-zwieg huma kellhom zewg (2) ulied, li llum huma lkoll maggorenni u ghandhom izjed minn tlieta u ghoxrin (23) sena;*

*Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt minn Nutar Dottor Malcolm Mangion mis-sebgha u ghoxrin ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (3/9/2010) (Ara Dok 'B' anness);*

*Illi l-partijiet irrinunzjaw mid-dritt illi jitolbu jew jircievu manteniment minghand xulxin (Ara Dok 'B', klawsola numru tlieta (3) u ghaldaqstant m'hemm ebda manteniment jew arretrati dovuti;*

*Illi m'hemm l-ebda manteniment dovut f'dan l-istadju favor l-ulied tal-partijiet*

*stante li l-ulied huma lkoll maggorenni u 'l fuq min tlieta u ghoxrin (23) sena, u lanqas m'hemm arretrati douvti;*

*Illi m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom iktar minn ghaxar (10) snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

*Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissudisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghal-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:*

i. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg bejnet il-partijiet;*

ii. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata datata 11 ta' Frar, 2019, ta' AL detentur tal-karta tal-identita' numru X u residenti Y, a fol 23 et seqq., li taqra hekk:

1) *Illi preliminarjament ir-rikors guramentat ma fihx ir-rekwiziti tal-Artiklu 156 (1)(d) tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili Kapitlu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' it-twissija;*

2) *Illi skond il-ftehim li sar <u>qabel</u> ma gie ffinalizzat u ffirmat il-kuntratt tas-separazzjoni ppubblikat fit-tlieta ta' Settembru tas-sena elfejn u ghaxra (03/09/2010) quddiem in-Nutar Pubbliku Dottor Malcolm Magion LL.D. ta' numru wiehed u sittin (61), Triq Santa Luvija, il-Belt Valletta, Malta, kien gie miftiehem illi l-konvenut AL jiehu mieghu tlett (3) garar wahda kbira u tnejn zghar li jiswew madwar hamest elef ewro (5000 ewro) u flixkun zghir tal-*

*hgieg fin antik li jiswa madwar elf u hames mitt ewro (1500 ewro).*

*Dawn l-oggetti baqghu ma nghatawx lura lill-konvenut mill-attrici JJL, ghalkemm hija wieghdet diversi drabi li se taghtihom lura kemm qabel l-iffirmar tal-kuntratt ta' Separazzjoni u kemm wara l-iffirmar u pubblikazzjoni tal-istess kuntratt ta' Separazzjoni u filfatt baqghet ma rritornatomx lura sal-lum. Dan minkejja li gie iffirmat u pubblikat l-kuntratt ta' Separazzjoni bejn il-partijiet.*

3) *Ghalhekk il-konvenut umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex* ***qabel*** *il-pronunzjament tal-hall taz-zwieg bejn il-partijiet, il-konvenut AL lura dawn l-oggetti imsemmija jew jithallas taghhom mill-attrici stess.*

4) *Illi fil-bqija, l-konvenut ma jsib l-ebda oggezzjoni sabiex il-Qorti tippronunzja l-hall taz-zwieg bejniethom, ghajr qabel li jinghata dawn l-oggetti imsemmija jew il-hlas taghhom lura lilu.*

5) *Fl-ahhar nett, il-konvenut jeccepixxi u jitlob il-privilegg li jinghata l-privilegium fori skond l-Artikolu 767 et sequitur Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk igawdi l-beneficcju moghti lilu skond l-istess artikolu tal-ligi. Dan peress li huwa joqghod fil-gzira t'Ghawdex*

Rat in-nota ta' JJL, fejn talbet biex tirriverti ghal kunjomha xebba u cioe' W (Vide fol 3);

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta

**Ikkonsidrat:**

**JJL** xehdet a fol 30 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fit-30 ta' Jannar 1982 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-3 ta' Settembru 2010 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni bonarja. Xehdet illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt itfal li llum il-gurnata ghandhom aktar

minn tlieta u ghoxrin sena. Xehdet illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qalet ukoll illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**AL** xehed a fol 16 *et seqq* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda tar-rikorrenti.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.[...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat;**

L-intimat eccepixxa preliminarjament illi r-rikors promotur tar-rikorrent ma fihx ir-rekwiziti tal-Artikolu 156 (1) (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe it-twissija.

Il-Qorti tirrileva pero illi l-proceduri ta' divorzju m'humiex regolati mill-Artikolu 156 (1) (d) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn il-proceduri huma regolati minflok permezz tal-Artikolu 66A u 66D tal-Kodici Civili

> ***"Id-divorzju jew ħall taż-żwieġ jingħata bis-saħħa ta'sentenza tal-qorti ċivili kompetenti fuq <u>talba</u> ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, jew b'digriet tal-istess qorti fejn il-miżżewġin ikunu qablu illi ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul."***

**Ikkonsidrat;**

L-intimat eccepixxa wkoll illi qabel ma jigi pronunzjat il-hall taz-zwieg, din il-Qorti ghandha tordna illi r-rikorrent tirrestitwixxi lill-intimat tlett garer u flixkun zghir tal-hgieg fin antik illi ghadhom fil-pussess tar-rikorrenti nonostante l-fatt illi skont ftehim li kien sar qabel ma gie ffinalizzat u ffirmat il-kuntratt ta' separazzjoni, l-partijiet kienu qablu li dawn l-oggetti ghandhom jigu rritornati lura lill-intimat.

Il-Qorti tirrileva pero illi l-proceduri ta' divorzju jibdew permezz ta' rikors semplici u mhux ta' rikors guramentat. Dak gie kkonfermat fis-sentenza fl-ismijiet **AB vs CB**[1] deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-29 t'April 2014, fejn intqal illi:

> "***Jigi rilevat li l-ligi ma tesigix li t-talba ghall-hall taz-zwieg jew divorzju ssir permezz ta' rikors guramentat u naturalment il-principju ubi lex volut dixit huwa applikabbli. Gialadarba l-ligi ma tesigix li jkun hemm necessarjament rikors guramentat allura jirrizulta li r-rekwiziti msemmija fl-Artikolu 156 tal-Kap. 12 m'humiex applikabbli ghal semplici rikors li permezz tieghu wiehed jista' jitlob il-hall taz-zwieg kif***

[1] Rikors numru 222/2013.

***wara kollox ghamlet l-istess rikorrenti*.”**

Illi ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija legalment infondata u qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat;**

L-intimat eccepixxa wkoll il-*privilegium fori* skont l-Artikolu 767 *et seqq* tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta peress illi huwa joqghod Ghawdex.

Il-Qorti rat pero illi l-intimat deher quddiem din il-Qorti fil-15 ta’ Frar 2019, **xehed**, u tramite l-avukat tieghu **awtorizza lil din il-Qorti sabiex tghaddi ghas-sentenza**. Illi ghalhekk jidher illi l-intimat irrinunzja ghal din l-eccezzjoni, u ghaldaqstant il-Qorti sejra tastjeni milli tieghu konjizzjoni ulterjuri taghha.

**Ikkonsidrat;**

L-intimat oggezzjoni wkoll ghall-pronunzjament tal-hall ta’ zwieg ta’ bejn il-partijiet qabel mar-rikorrrenti tirritorna tlett garar u flixkun zghir tal-hgieg fin antic li hija allegatament qablet li taghtih lura qabel ma gie ffinalizzat il-kuntratt ta’ separazzjoni.

Il-Qorti taghraf illi skont l-Artikolu 66D (2), fejn issir talba ghal divorzju minn wiehed mill-konjugi biss, il-ligi tippermetti biss zewg binarji ta’ kontestazzjoni lil konjugu l-iehor, u cioe:

1. illi dak iż-żmien maħsub fl-artikolu 66B(a) m’għaddiex, jew
2. illi l-persuna miżżewġa illi talbet id-divorzju ma tkunx ħallset il-manteniment dovut, kif ordnat mill-qorti jew miftiehem fil-kuntrattta' separazzjoni u li kemm-il darba t-talba għad-divorzju tintlaqa’, tkun aktar diffiċli għall-istess parti l-oħra illi tikseb il-ħlas tal-manteniment.

Illi ghalhekk huwa car il-kontestazzjoni maghmula mill-intimat ghat-talba ghall-hall ta’ zwieg mressqa mir-rikorrenti, m’hijiex permessa mill-ligi, u ghalhekk ma tistax tigi milqugha. Ghaldaqstant, din l-eccezzjoni tirrizulta legalment infondata, u qed tigi michuda.

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat illi mill-provi jirrizulta illi l-partijiet kienu zzewgu nhar it-30 ta' Jannar, 1982, (Vide Dok. A, a fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewgt ulied, llum magorenni;

Il-Qorti tqis illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Malcolm Mangion, datat 27 ta' Settembru, 2010 (Vide Dok.B) u li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Di piu' gie stabbilit illi m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxilha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku, , u tawtorizza lil JJL sabiex tirreverti lura ghal kunjom xbubita u cioe W u tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat sabiex jiehu l-azzjoni mehtiega.**

**L-ispejjez ta' dawn il-proceduri ghandhom ikunu jigu divizi bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**